# L-Aħbar

mill-Provinċja S. Pawl Appostlu - Malta

Jannar 2017
Nru. 215

Kapitlu Provinċjali 22-25.V.2017
ĠEJJIENI BIL-FIDUĊJA


# Festa Familja fi żmien il-Milied



Fid-Dar tal-Irtiri Proziuncola bħal ma jsir kull sena ġiet iċċelebrata Festa Familja ta' żmien il-Milied flimkien mal-familjari tal-patrijiet, nhar il-Ġimgħa 30 ta' Diċembru. Din il-festa bdiet b'quddiesa mmexxija mill-Ministru Provinċjal P. Richard S. Grech OFM.

Fl-omelija hu ħa l-eżempju ta' Marija li dejjem kienet fidila lejn Alla u għalhekk li Alla kien dejjem magħha. Huwa spiċċa bi storja ħelwa fejn spjega li l-Madonna kienet dik il-mara li għexet il-misteri li aħna nitolbu permezz tar-rużarju u dan billi laqgħat il-kelma, semgħet u li xtarret. Għalhekk importanti li aħna ukoll ngħixu dawk l-esperjenzi li għexet Marija.

Wara l-quddiesa kulħadd inġabar fil-foyer tad-dar fejn sar it-tberik minn P. Marcellino Micallef OFM Vigarju Provinċjali ta' 'Stained Glass' ġdida li saret mill-artist Louis Briffa. F'kemtejn li għamel biex jispjega s-sens ta' din l-opra tiegħu hu qal li wara proċess ta' dixxerniment ried joħloq xi ħaġa li tagħti identità Franġiskana u nieħdu magħna parti minn Assisi permezz tal-ħġieġ trasparenti u li jidher il-ġnien li hemm wara.

Wara komplejna fir-Restaurant 'Da Francesco' tal-istess Dar għal ikla flimkien fejn qsamna l-awguri tal-Milied.







## Sena Ġdida, Bidu Ġdid

F'dan iż-żmien li fih qiegħed nikteb dawn l-erba' kelmiet, isiru ħafna rappreżentazzjonijiet tal-ġrajja tat-twelid ta' Ġesu' Bambin. Fl-iskejjel, fil-knejjes u fil-kappelli, fil-każini u saħansitra mat-toroq tagħna. Opportunita' sabiex tinvolvi kemm jista' jkun tfal. Ikun hemm Madonna, San Ġużepp, xi tarbija ta' vera biex tagħmilha ta' Ġesu'. Min jilbes ta' wieħed mis-slaten maġi, anġli, ragħajja u nagħaġ kemm trid. Ikun hemm ukoll min imissu li jagħmilha tal-baqra jew tal-ħmara. Imma ħaġa tal-iskantament qatt u qatt ma rajt lil xi ħadd jagħmilha tal-għaġeb tal-presepju! Ngħiduha kif inhi. Sabiħ meta wieħed jikber jgħid li fi tfulitu għamel il-priedka tal-Milied, jew waħda tgħid li fi tfulitha għamiltha tal-Madonna. Imma min ser jiftaħar meta jikber li meta kien żgħir kienu poġġewh l-għaġeb tal-presepju? Jaf ikun hemm xi ħadd miżżewweġ u martu tgħidlu, "Mhux kont! Għadek għaġeb tal-presepju!" Jew sħabu fuq il-post tax-xogħol!

Imma kemm huma dawk li jifhmu kemm hemm tifsira teoloġika sabiħa wara din il-figura fil-presepju? U kemm hemm bżonn li aħna wkoll nitgħallmu nistgħaġbu bħalu! Dan l-għaġeb tal-presepju qiegħed jistgħaġeb quddiem il-kobor tal-imħabba ta' Alla għalina. Quddiem sa fejn twassal din l-istess imħabba. Qiegħed jistgħaġeb "x'kobor ta'

*ikompli f'paġna 2*

*minn paġna 1*



umilta', u x'umilta' kbira" li twassal lil dan Alla li jista' kollox isir bniedem bħalna, ċkejken tarbija li teħtieġ kollox, min jaħsilha, min ilibbisha, min jitmaħħa, min jindokraha u jħarisha. X'ma jistgħaġibx quddiem dan il-misteru hekk kbir?! Jistgħaġeb bl-istess misteru li qiegħed jara jseħħ quddiem għajnejh, bl-anġli li jħabbru u jkantaw, bir-ragħajja u s-slaten maġi għarkobbtejhom jaduraw. U quddiem dan kollu forsi jstaqsi, "Mela min hija din it-tarbija?" Forsi wkoll jistgħaġeb bl-indifferenza tan-nies ta' Betlehem li ma laqgħux lil Dak li tant kien ilu mistenni, il-Messija ta' Alla! "Ġie f'daru, u niesu ma' laqgħuhx!"

U aħna? Aħna sirna għomja u insensittivi quddiem ġrajja bħal din! Għamilna minn festa nisranija festa pagana! Aljenati, indifferenti, mhedijin bil-ħwejjeġ frivoli li bihom nippruvaw naqtgħu l-għatx tagħna għall-ferħ, il-paċi, l-imħabba, is-serħan tal-moħħ! Imma li jkomplu jħallu ġewwa fina vojt kbir u baħħ! Kemm għandna bżonn aħna nagħmlu tagħna l-eżempju ta' dan l-għaġeb tal-presepju u nibdew mill-ġdid nistgħaġbu bil-ħwejjeġ kbar li Alla għamel magħna u jibqa' jagħmel magħna kuljum. Imqar nibdew nistgħaġbu quddiem il-miraklu hekk kbir tal-Ewkaristija, meta kull darba dan Ġesu' jinżel fostna mill-ġdid, mhux aktar bħala ċkejken tarbija, imma bħala l-Mulej rebbieħ fuq id-dnub u fuq il-mewt, li bħal dak inhar tat-twelid tiegħu, kull darba jerġa' jwaħħad u jgħaqqad flimkien dak li hu tal-art ma dak li hu tas-Sema. Ejja il-bidu ta' sena ġdida jkun ifisser għalina bidu ġdid ta' kif kuljum insibu għaliex għandna nistgħaġbu bil-"ħwejjeġ kbar" li Alla jagħmel magħna lkoll. Nawgura minn qalbi lilkom ilkoll Sena Ġdida mimlija risq u barka smewwija. Il-Mulej jagħtina s-Sliem!

*P. Richard S. Grech, OFM*
*Ministru Provinċjal*

---

# It-tfal jitolbu għal-Paċi

Il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi fi ħdan il-Provinċja ħarġet ċirkulari lil patrijiet kollha tal-Ordni tal-Minuri, lis-sorijiet tal-Klarissi, lin-nisa u rġiel Franġiskani sekulari, lin-nisa u rġiel kollha ta' rieda tajba. Hekk indirizza l-ittra P. Michael Perry OFM Ministru Ġenerali biex jagħmel appell qawwi lid-dinja kollha biex isir talb għal paċi fid-dinja kollha.

"Ilna żmien twil mħassbin fuq dawn ħutna li għaddejjin millesperjenzi koroh u ta' tbatija kbira. Fiż-żmien tal-Avvent meta l-Mulej tagħna Ġesù Kristu jitlobna biex nishru u nitolbu, nixtiequ nħeġġu inizjattiva fost il-komunitajiet kollha tat-tfal biex jitolbu għal paċi.

Nixtiequha ssir fuq livell internazzjonali għal darba kull xahar. Il-parroċċa u l-knisja ta' San Franġisk f'Aleppo ġarbet ħsarat kbar f'din il-gwerra u għalhekk nixtiequ li din l-inizjattiva li bdiet f'din il-knisja tinxtered mad-dinja kollha. Inħeġġu għat talb lil-patrijiet tagħna biex fil-parroċċi kollha fdati f'idejna, fl-iskejjel fejn ngħallmu u fost gruppi ta' tfal u abbatini li nieħdu ħsiebhom biex iħadnuha bil-qalb u bil-ħeġġa. L-istess inxerduha madwarna finnaħat fejn hemm il-kunventi u djar tagħna. Inxerduha kemm nifilħu. Nemmen li l-Mulej jisma' l-krib tat-tfal u t-talb tagħhom ikun għajta qawwija għal konverżjoni ta' kullħadd u paċi fis-Sirja speċjalment f'Aleppo u fid-dinja kollha.

Nitolbuk biex darba fil-ġimgħa matul l-Avvent issir quddiesa għat-tfal b'dan il-għan. Fejn ma hemmx possibiltà li ssir quddiesa għat-tfal, issir purċissjoni żgħira bit-tfal b'xegħma f'idejhom waqt it-talb tal-fidili. Għidulhom li dan qed isir flimkien u fl-istess ħin tat-talb fid-dinja kollha."



## Jannar
## Appuntamenti

**6** ta' Jannar, Festa tal-Epifanija: Klarissi S.Ġiljan fis-6.00pm

**10** ta' Jannar, Definitorju Provinċjali, Rabat

**25** ta' Jannar, Konversjoni ta' San Pawl: Festa tal-Provinċja

**Birthdays - Jannar**

06. P. Cherubin Galea
08. P. Mark Ciantar
09. P. Charles Grech
31. P. Sandro Overend

**Festi - Jannar**

16. P. Marcello Ghirlando
20. P. Sebastian Camilleri
27. P. Julian Sammut

# XXXII Kungress tal-Formazzjoni u l-Istudji

Il-Konferenza Taljana COMPI organizzat Kungress tal-Formazzjoni u l-Istudji f'Assisi, intitolat "Per una formazione francescana al Bene comune". Għal dan il-Kungress ħa sehem P. Stephen Magro, OFM u P. Joseph Magro, OFM li sar bejn il-21 u l-24 ta' Novembru. Dan il-kunġress kellu diversi kelliema li tkellmu fuq il-Formazzjoni u l-Animazzjoni Vokazzjonali.

L-ewwel relazzjoni kienet minn Fr. Nicola Riccardi professur fl-università Antonianum li tkellem fuq l-importanza li nkissru l-individwalità u b'hekk ikun hemm rebħa tal-ġid komuni. Fost id-diversi temi tkellem fuq l-iskop tal-ħajja bħala komunità. Huwa ħa l-'Gaudium et Spes' li proprju jitkellem fuq il-Ġid Komuni. Ħa wkoll il-kompendium li jgħid li l-ġid komuni ma jikkonsistix fis-sempliċi somma ta' ġid partikulari tal-persuna soċjali. Irridu nieħdu ħsieb ta' dawk ta' madwarna u nneħħu l-individwaliżmu. Huwa kompla jgħid li spiċċa s-sens ta fiduċja f'xulxin u jista' jkun li b'hekk tintilef il-fiduċja f'Alla u fit-talb. Għalhekk irridu inkunu fid-dinja u għad-dinja biex ngħelbu din it tentazzjoni.

It tieni konferenza kienet minn Marco Bartoli fuq San Franġisk u l Ġid Komuni. Huwa ħadem fuq erba' aspetti:

1. L'esperjenza tal-ħażin: gwerra, faqar, soferenza.
2. Ir-risposta ta' Franġisku: il-ħniena - it triq tat-tajjeb.
3. Il-fraternità.
4. Tifħir: it-tbatija u l-ferħ.

Franġisku kien jaf il-faqar, il-gwerra, il-ħażin. Franġisku jitlaq mill-esperjenza tal-ħażin. Għaraf li l-problema qegħda hemm. Fil-laqgħa mal-lebruż kien hemm bżonn issir xi ħaġa, mhux mil-lum għal-għada imma kien hemm mixja biex seta' jgħeleb l-ostakli. Allura tista' tibraħ il-ħażin biss bit tajjeb!

Fuq il-fraternità huwa qal li hu importanti li wieħed jgħaraf id-don tal-aħwa, jgħix il-vanġelu - fraternità magħmulha minn saċerdoti u lajċi imma li kapaċi jgħelbu l-ostakli, li hemm rabta mal-Knisja ta' Ruma u li l-fraternità tmur sat-truf tad-dinja - il-ħolma universali.

It-tielet ġurnata Ġid Komuni imma issa irridu naraw min huwa jien, min aħna. Allura mixja esistenzjali fuq il-passi ta' San Franġisk.

Il-pedamenti huma l-pjan ta' ħajja evanġelika li tagħti










identità. L-ubbidjenza bħala inter-suġġestiva li tagħti dimensjoni interpersonali jkollna l-ispirtu u l-ħidma qaddisa tal-ispirtu li twassal għal trasfigurazzjoni fl-identità fil-forma ta ħajja.

P. Albert Schmuki tkellem fuq il-Ġid Komuni mill-aspett psikoloġiku fuq it-tielet neċessità.

Fir-relazzjoni fraternà kif qed tiġi preżentata fl-ammonizjonijiet ta' San Franġisk, relazzjoni formattiva skont il-programm li wieħed jieħu. Għalhekk huwa importanti li l-formazzjoni issir billi wieħed jitkellem mal- mastru u mhux bil-konferenzi biss.

L-aħħar ġurnata kienet iktar movimentata. L-ewwel bdejna b'quddiesa fil-Porziuncola u wara P. Cesare Vaiani tkellem fuq tlett punti: l-università Frangiskana, fuq il-Kulleġġ San Isidoro u fuq il-Convegni Internazzjonali tal-SGFS.

Wara l-gruppi li ltaqgħu fil-jiem ta qabel taw ir-relazzjoni tagħhom u xi suggerimenti.

## Ċirkulari Milied 2016



Għall-okkażżjoni tal-festi tal-Milied il-Provinċjal P. Richard S. Grech, OFM bagħat ċirkulari lil Patrijiet kollha li tkellem prinċiparjament fuq il-laqgħa li Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, kellu mas-saċerdoti djoċesani u reliġjużi, ġewwa s-Seminarju tal-Virtu' r-Rabat, nhar l-Erbgħa 30 ta' Novembru 2016.

Huwa tkellem fuq tlett punti:

1. Il-ħniena li għandna nuru l-ewwel u qabel kollox magħna nfusna. Jeħtieġ li b'ħafna umilta' nammettu li aħna għandna l-limiti tagħna, umani u spiritwali.

2. Il-ħniena li għandna nuru bejnietna. Il-mod kif inġibu ruħna ma' xulxin. Il-mod kif nitkellmu fuq xulxin. L-għajnuna li għandna nagħtu lil xulxin.

3. il-ħniena li għandna nuru mal-oħrajn, ma dawk ta' madwarna l-ewwel, mingħajr ma'nieqfu hemm imma. Fl-għażla tagħna għal min huwa fqir u batut. Favur min huwa mwarrab f'soċjeta' tal-konsum li ma għandhiex wisa' għal min huwa insinifikanti f'għajnejn il-bnedmin, imma għażiż u prezzjuż f'għajnejn Alla.

# Inawgurat il-Proġett ta' Restawr u Tisbiħ tal-Knisja tar-Rabat



Nhar il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru permezz ta' Quddiesa Solenni ta' Radd il-Ħajr lil Alla, immexxija mill-Ministru Provinċjal, P. Richard S. Grech, OFM, ġie inawgurat il-Proġett ta' Restawr u Tisbiħ tal-Knisja tagħna iddedikata lil Santa Marija ta' Ġesu fir-Rabat.

Fi Knisja mimlija bin-nies, anke jekk kien il-maltemp, il-Gwardjan P. Martin Coleiro, OFM irringrazzja lil kull min ħadem u għen biex din il-ħolma saret realtà. B'mod partikolari lil Lolly u l-Ħaddiema tiegħu li żebgħu il-Knisja, lil Arthur Vassallo u l-ħaddiema tiegħu, li naddfu id-deheb l-antik u żiedu deheb ġdid fejn kien hemm bżonn, u lill Adonai Camilleri Cauchi li għamel il-pittura ġdida fit-twieqi.

Ringrazzjament kbir mar, għal voluntiera kollha li ħadmu fuq il-proġett, għan-nisa li ta' kull ġimgħa żammew Knisja nadifa, u għal dawk kollha li offrew l-għajnuna finanzjarja biex setgħet inġabret issomma li kien hemm bżonn. Wara l-quddiesa komplejna naqsmu l-ferħ flimkien b'riċeviment fil-kunvent.








Nitolbu għal:
ħuna ***P. Ġwann Micallef ofm***
li jinsab rikoverat l-isptar 'Karen Grech" *Rehabilitation Ward 2.*

Niftakru ukoll fdan iż-żmien speċjali tal-Milied tajjeb li nsibu ħin biex nżuru l-anzjani tagħna
***P. Sebastian Camilleri ofm,***
***P. Ġużepp Camilleri ofm u***
***P. Kerubin Galea ofm*** li jgħixu ġewwa Domus Pacis.

**L–AĦBAR** *mil-Provinċja San Pawl Appostlu - MALTA - **Editur:** P. Joseph Magro OFM*
***eMail:** jmagro@ofm.org.mt - **tel:** +356 21556095 - http://www.ofm.org.mt - www.fb.com/ofm.org.mt*